**Laqgha Numru 05/K7/2013**

**Introduzzjoni**

Il-Hames Laqgha tas-Seba' Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2013 li saret nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju 2013.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Dean Hili, il-Vici Sindku Raymond Lanzon u l-Kunsillieri Mark Causon u Charles Cesare **(li wasal fis-6.40pm)** flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet skuzata. **(Ara Dok A.)**

Is-Sindku Dean Hili qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fl-14 ta' Mejju 2013. L-Agenda kienet:

1. **Approvazzjoni tal-Minuti 02/K7/2013.**
2. **Punti li johorgu mill-Minuti 02/K7/2013.**
3. **Approvazzjoni tal-Minuti 03/K7/2013.**
4. **Punti li johorgu mill-Minuti 03/K7/2013.**
5. **Approvazzjoni tal-Minuti 04/K7/2013.**
6. **Punti li johorgu mill-Minuti 04/K7/2013.**
7. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
8. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
9. **Mistoqsijiet.**
10. **Korrispondenza.**
11. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
12. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
13. **Risposta ghall-Management Letter sena finanzjarja 2012.**
14. **Rapport Annwali Amministrattiv 2012.**
15. **Kwotazzjonijiet 05 sa 10/2013 u Tenders 05 u 06/2013.**
16. **Devoluzzjoni ta' sit fi Triq C. Sciberras c/w Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.**
17. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
18. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 02/K7/2013.

1.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 02/K7/2013 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 02/K7/2013.

2.01. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 03/K7/2013.

3.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 03/K7/2013 kif ipprezentati.

3.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 03/K7/2013.

4.01. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 04/K7/2013.

5.01. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 04/K7/2013 kif ipprezentati.

5.02. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

5.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 04/K7/2013.

6.01. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti pendenti.

## 07. Tqeghied ta’ dokumenti u rapporti.

7.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Memo 020/2013** - Bord ta' l-Ghazla ghal-tender 01, 02, 03, 04/20113, Qt 01/2013 **(Dok B); Memo 021/2013** - Laqgha mal-Korporazzjoni Enemalta **(Dok C); Memo 022/2013** - Laqgha dwar proġett Natura2000 **(Dok D); Memo 023/2013** - Laqgha mal-Pulizija - Sezzjoni kontra d-Droga **(Dok E); Memo 024/2013** - Laqgha mal-Pulizija – CID **(Dok F); Memo 025/2013** - Laqgha mal-GreenPak **(Dok G); Memo 026/2013** - Laqgha mal-Korporazzjoni Enemalta dwar il-gnien **(Dok H); Memo 027/2013** - Laqgha mal-Luxol Sports Club **(Dok I); Memo 028/2013** - Laqgha ma' Pembroke Athleta Sports Club **(Dok J); Memo 029/2013** - Laqgha ma' l-Accountant dwar il-Management Letter **(Dok K); Memo 030/2013** - Progett OSDDT **(Dok L); Memo 031/2013 -** Rapport tal-ftuh ta' Kwotazzjonijiet 05 sa 10/2013 **(Dok M); Memo 032/2013 -** Bord ta' l-Għażla għal Qt 05 sa 10/2013 **(Dok N); Memo 033/2013 -** Lista ta' laqghat li saru 03/K7/13 u 05/K7/13 **(Dok O)** u **Memo 034/2013 -** Laqgha mal-kuntratturi b’servizz b’emergenza. **(Dok P)**

7.02. B’riferenza ghall-Internal **Memo 020/2013** - Bord ta' l-Ghazla ghal tender 01, 02, 03, 04/20113, Qt 01/2013, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li wara komunikat permezz tat-telefon li kellu mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, din infurmatu li hija mhux komda tiffirma dokumenti simili u qed toggezzjona li tiffirma dan id-dokument, liema dokument huwa rendikont tal-Bord ta’ l-Ghazla fejn il-membri kollha tal-Kunsill kienu prezenti u r-rakkomandazzjonijiet li kien saru mill-istess Bord, eventwalment gew kollha approvata unanimament mill-membri kollha tal-Kunsill fil-laqgha tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka li dan il-kumment kien qed jaghmlu wara li kienet il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat stess l’infurmatu li l-Kunsill ghandu jigi nfurmat b’dan.

7.03. Wara diskussjoni, il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat, fl-ewwel laqgha li jmiss ghandha taghti spjegazzjoni ghal dan l-agir galadarba hija kienet prezenti u eventwalment ivvutat favur ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta’ l-Ghazla.

7.04. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

7.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

8.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 7.

## 09. Mistoqsijiet.

9.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Dean Hili ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 10. Korrispondenza.

10.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn il-25 ta’ April u t-22 ta’ Mejju 2013 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/1893/13/I** **09/04/2013** | Kwotazzjoni minghand Inserv ghall-magna li ticcekja l-flus ghall-prezz ta’ €128.43 inkluz il-VAT. |
| **46/2332/13/I** | Kwotazzjoni minghand Golden Gate ghall-magna tal-flus ghall-prezz ta' €126.00 eskluz il-VAT. |
| **46/2335/13/I** **25/04/2013** | Kwotazzjoni minghand Joseph Cachia and Sons ghall-magna tal-flus ghall-prezz ta' €120 jew €940 inkluz il-VAT. |

10.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/1893/13/I, 46/2332/13/I u 46/2335/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jaghzel l-offerta ta’ Joseph Cachia & Sons jew Inserv Ltd. abbazi ta’ min minnhom jikkonferma li jkun hemm updates tal-magna minghajr hlas.

10.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2393/13/I** 26/04/2013 — Email minghand is-Sur James Xuereb fejn talab il-permess tal-Kunsill biex jarma bhala street hawker fil-parkegg ta' Pembroke Garden.

**46/2408/13/I** 29/04/2013 — Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn, b'riferenza ghall-email mibghuta mis-sur James Xuereb, talab biex tkun diskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss.

10.05. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2393/13/I u 46/2408/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill ghandu jadotta policy li joggezzjona ghal talbiet simili ta' fixed point hawkers fejn eventwalment jista' ikunu eligibbli li japplikaw ukoll ghall-arlogg tad-dawl.

10.06. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2405/13/I** 29/04/2013 — Kwotazzjoni minghand Farrugia Group ghal 4 bow flags ghall-prezz ta' €1,534.00

**46/2430/13/I** 29/04/2013 — Kwotazzjoni riveduta minghand Big Exhibits ghal 4 bow flags ghall-prezz ta' €1,510.40.

**46/2436/13/I** 29/04/2013 — Kwotazzjoni minghand Emotion Sign Works ghal 4 bow flags ghall-prezz ta' €1,633.12.

**46/2437/13/I** 29/04/2013 — Kwotazzjoni minghand Adverteyes Ltd. ghal 4 bow flags ghall-prezz ta' €2,049.61.

10.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2405/13/I, 46/2430/13/I, 46/2436/13/I u 46/2437/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jirratifika d-decizjoni mehuda fejn giet aċċettata l-offerta ta' Big Exhibits abbazi li l-offerta taghhom kienet l-aktar wahda vantagguza. Il-kelliem fakkar ukoll lill-Kunsill li din l-ispiza ser tkun koperta bil-progett ta' l-EU OSDDT.

10.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2411/13/I** 29/04/2013 — Email minghand Dr. Michael Galea fejn informa lill-Kunsill bil-ktieb li hareg bl-isem 'F'Qalbi, ma tmut Qatt: minn luttu ghal serhan il-qalb' u talab laqgha mal-Kunsill.

10.11. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2411/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li jinxtara ktieb wiehed ghal-librerija.

10.12. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2413/13/I** 29/04/2013 — Email minghand il-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat fejn talbet biex titpogga skip fejn Pembroke Athleta Football ground minhabba li ser jaghmlu clean up.

10.14. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2413/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li din it-talba tigi approvata ghalkemm talab sabiex Pembroke Athleta jigu nfurmata li talbiet simili ghandhom jigu ndirizzata bil-miktub lill-Kunsill.

10.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2414/13/I** **29/04/2013** Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn informa lill-Kunsill li ser jappella fuq Tender 1/2013 ghal servizz t'avukat.

**46/2842/13/I** **14/05/2013** Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn informa lill-Kunsill li s-seduta tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Avukat Luciano Busuttil ser issir nhar l-Erbgha 22 ta' Mejju fis-1.30pm.

10.17. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2414/13/I** u **46/2842/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ghandu jkun assistit mill-Avukat Dr. David Camilleri. Il-kelliem fakkar li fuq talba ta' Dr. Luciano Busuttil, l-appell li kellu jsir illum gie ddeferit ghal data ohra minhabba li l-Avv. Busuttil ma setax ikun prezenti.

10.18. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2435/13/I** **29/04/2013** Email minghand is-Sur Martin Muscat fejn informa lill-Kunsill li fil-passagg li sar fuq x-Xaghri qed ikun hemm numru ta' klieb jigru bla cinga u ssuggerixxa biex isiru tabelli tal-multi, jintbaghtu l-wardens u jsiru bins ghall-hmieg tal-klieb.

**46/2510/13/I** **30/04/2013** Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn b'riferenza ghall-email tas-sur Muscat informa lill-Kunsill li huwa jaqbel li t-tabelli ghandom isiru madwar il-lokal kollu u li jistghu isiru stickers ma' arbli ukoll.

10.20. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2435/13/I u 46/2510/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona sabiex tintalab kwotazzjoni ghal provvista ta' stickers qies A5 – kwantita' 100, 200 u/jew 500 (Naddaf wara l-kelb u thalliex lill-kelb minghajr cinga)

10.21. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.22. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.23. Il-Kunsillier Mark Causon irrakkomanda li l-Kunsill jesplora ukoll il-possibilita' li jsiru dog litter bins madwar il-lokal.

**46/2449/13/I** **30/04/2013** Email minghand Jeanette Attard Portelli fejn baghtet ritratti ta' bollards li qed tissuggerixxi li jigu nstallata fi Triq l-Imhallef William Harding biex titwal ic-centre stip ta' quddiemha.

**46/2488/13/I** **30/04/2013** Email minghand Ray Lanzon fejn b'riferenza ghall-ilment ta' Triq l-Imhallef W. Harding informa lill-Kunsill li jistghu jaghmlu bollard fit-tarf tal-maqrut.

10.24. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2449/13/I u 46/2488/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona sabiex jintalab il-parir ta' Koptasin sabiex tigi nstallata crash barrier qasira jew bollard tal-lastiku.

10.25. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.26. Il-Kunsill qabel unanimament.

***10.27. Il-Kunsillier Charles Cesare wasal fis-6.40pm.***

**46/2515/13/I** **30/04/2013** Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn infurmaw lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja ghas-sena 2013 ser tkun ta' €354,400.00.

10.28. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2515/13/I** is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Budget ghas-sena 2013 skond l-allokazzjoni finanzjarja huwa mqassam: Parks, Gonna u Soft Areas €127,482; Manutenzjoni ta’ Toroq €93,912; Immanigjar ta’ l-Iskart €30,085; Nefqa ghall-Amministrazzjoni €78,753; Fond ghall-Aggustament €11,158; Tipping Fees €13,010.

**46/2680/13/I**
**06/05/2013**
Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn talab biex fil-laqgha li jmiss tkun diskussa l-possibilita' li fi Triq Jum Pembroke biswit Sir Luigi Preziosi, issir sleeping policeman.

**46/2686/13/I**
**07/05/2013**
Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn b'riferenza ghall-email tal-Vici Sindku Ray Lanzon dwar sleeping policeman fi Triq Jum Pembroke talab biex tkun dskussa fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss u talab ikollhom site map tal-area inkwistjoni.

10.29. Kif mitlub, is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg pprezenta lill-Kunsill pjanta tas-sit. **(Ara Dok Q)**

10.30. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2680/13/I u 46/2686/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill ghandu jitlob stima ta’ l-ispiza u wara, jekk tkun vijabbli jintalab il-permess ta’ TM.

10.31. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.32. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2302/13/I**
**24/04/2013**
Kwotazzjoni minghand Demsey Aluminium Works ghal sliding nets ghall-prezz ta' €339.84.

**46/2683/13/I**
**06/05/2013**
Kwotazzjoni minghand Brincat Aluminium Works ghal sliding nets ghall-prezz ta' €270.

**46/2709/13/I**
**07/05/2013**
Kwotazzjoni minghand Alu Care ghal nettijiet sliding ghall-prezz ta' €585.28.

**46/2933/13/I**
**17/05/2013**
Kwotazzjoni Minghand Serv Group ghall-prezz ta' €435.42 ghal sliding nets.

10.33. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2302/13/I, 46/2683/13/I, 46/2709/13/I u 46/2933/13/I** il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li ghandha tintghazel l-offerta ta’ Brincat Aluminium Works abbazi li hija l-irhas offerta.

10.34. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.35. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2773/13/I**
**09/05/2013**
Email minghand Mark Causon fejn informa lill-Kunsill li jaqbel li jsir rapport fuq it-tabelli nieqsa sabiex imexxu bix-xoghol.

10.36. B’riferenza ghall-korrispondenza numu **46/2773/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li dan ir-rapport ghandu jsir mill-Kunsillier koncernat bl-ghajnuna tal-Kunsill u ssuggerixxa li ghandha ssir talba lil TM biex isiru tabelli ta’ direzzjoni fil-By Pass li jindikaw lejn San Giljan u lejn il-Mellieha minhabba li fejn hemm it-traffic lights huwa perikoluz.

10.37. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.38. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.39. Il-Kunsillier Mark Causon informa lill-Kunsill li ser jara kif issir laqgha ma' l-Onor. Ministru Joe Mizzi kemm jista' jkun malajr sabiex jigu solvuta l-pendenzi li hemm.

**46/2852/13/I**
**14/05/2013**
Email minghand il-Contracts Manager fejn b'riferenza ghall-penali fil-kontijiet ta' l-Absolute Cleaners u t-tnaqqis fil-hlas tieghu talab biex jithallas ghax-xoghol li ghamel sabiex jirkupra l-ispejjez li ghamel u baghat zewg kontijiet.

**46/2860/13/I**
**15/05/2013**
Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Contracts Manager (rigward il-kont tieghu) informa lill-Kunsill li l-kuntratt huwa dak li hu izda minnaha l-ohra l-Contracts Manager ghandu ilment gustifikat u talab sabiex jitkellmu fuqu sabiex tinstab soluzzjoni.

10.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2852/13/I u 46/2860/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li minhabba l-klawsoli tal-kuntratt, din it-talba ma tistax tigi milqugha**.**

10.41. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.42. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2869/13/I**
**15/05/2013**
Email minghand il-Malta Volontary Sector fejn stiednu l-Kunsill sabiex flimkien mal-(MCVS) issir laqgha f'kull lokalita' ghall-Ghaqdiet u Organizzazzjonijiet Volontarji li hawn fil-lokalita'.

10.43. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2869/13/I** il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jaccetta l'issir din il-laqgha fil-lokal ta' Pembroke.

10.44. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.45. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2881/13/I**
**16/05/2013**
Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn b'riferenza ghall-email li rcieva l-Kunsll minghand il-Kunsill tal-Mellieha talab naghmlu kuntatt mieghu sabiex naraw kif ser jiggustifikaw l-ghotja ta' sponsor lill-istudenta li sejra Internatonal Wildlife Reserch.

10.46. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2881/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' din it-talba minhabba li sfortunatament il-Ligi tiprojbixxi tali donazzjonijiet u /jew sponsors.

10.47. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.48. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2883/13/I**
**16/05/2013**
Email minghand Dr. Luciano Busuttil fejn b'riferenza ghall-appell ta' l-Alternative Technologies informa l-Kunsill li l-appell ser jinstema' nhar it-18 ta' Gunju fid-9.00am u staqsa jekk hux ser ikun hu li ser jirraprezenta l-Kunsill.

**46/2919/13/O**
**17/05/2013**
Email li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg baghat lill-Membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-appell li ser isir nhar it-Tlieta 18 ta' Gunju 2013 talab indikazzjoni ta' x'pozizzjoni ser jiehu l-Kunsill.

**46/2962/13/I**
**20/05/2013**
Tahrika mill-Qorti ta' l-Appell fejn wara li nghalqu l-proceduri bil-miktub, gie appuntat is-smiegh tal-kawza Alternative Technologies vs Kunsill Lokali Pembroke.

10.49. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2883/13/I, 46/2919/13/O u 46/2962/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li tintalab laqgha ma’ l-Avv. Dr. Luciano Busuttil dwar dan il-kaz u l-appell tas-sur Mario Mallia dwar il-bandli.

10.50. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.51. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2926/13/O**
**17/05/2013**
Email li l-Kunsill baghat lill-Membri tal-Kunsill fejn b'riferenza ghall-aggudikar tat-tenders li hergin u wara l-kummenti tal-Vici Sindku ghar-rekwiziti tal-GPP baghtna l-persentaggi kif qed ikunu ssuggeriti.

10.52. B’riferenza ghall-korrispondenza numr**u 46/2926/13/O** is-Sindku Dean Hili ippropona li t-tenders il-godda (tender 08, 09, 10/2013) ghandhom jigu aggudikata Price 45%, Relevant Experience and Past Performance including Default notices issued by other Local Councils 20%, Green Public Procurement 15%, Management & Technical Skills / Resources 10% u Methodology / Work Plan 10%.

10.53. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.54. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.55. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-membri tal-Kunsill kopja tad-dokumenti tat-tenders 08/ 2013 - Tender for Weeding, Sweeping and Cleaning of Urban Roads in an environmentally friendly manner, 09/2013 - Tender for Weeding Sweeping and Cleaning of Non Urban Roads in an environmentally friendly manner u 10/2013 - Tender for Cleaning clearing and grass cutting of Soft Areas in an environmentally friendly manner.

10.56. Is-Sindku Dean Hili ppropona li dawn id-dokumenti ghandhom jinhargu kif sottomessa.

10.57. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.58. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2951/13/I**
**18/05/2013**
Email minghand Luxol fejn talbu laqgha mal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni t'attivitajiet flimkien mal-Kunsill ghall-komunita' ta' Pembroke.

10.59. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2951/13/I** is-Sindku Dean Hili ippropona li din il-laqgha ghandha tkun skedata ghall-gimghat li gejja.

10.60. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.61. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2963/13/I**
**20/05/2013**
Ittra minghand id-Dipartiment ta’ l-Artijiet jistaqsi lill-Kunsill dwar jekk il-Kunsill ghadx ghandu interess fis-sit li hemm faccata ta’ Blokk 13 Triq Pietro Rosell, liema sit jinsab wara l-iskips ta’ Triq Pietru Darmenia, minhabba li hemm resident li jixtieq jikseb is-sit.

10.62. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2963/13/I** l-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill ghandhu jzomm l-istess linja tal-Kunsill precedenti fejn jinforma lid-Dipartiment li l-Kunsill ghad ghandu l-hsieb li fil-futur jirranga s-sit.

10.63. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

10.64. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2969/13/O**
Email lill-membri tal-Kunsill dwar il-kors IKIDS fejn il-Kunsillier Evelyn

**20/05/2013** Vella Brincat qed tirrakkomanda li l-lezzjonijiet isiru nhar ta’ Tlieta u Hamis filghodu u filghaxija.

**46/2982/13/I**
**20/05/2013** Email minghand il-Kunsillier Mark Causon jinforma lill-Kunsill li l-lezzjonijiet tal-kors IKIDS ghandhom isiru nhar ta’ Tnejn u Gimgha filghodu minhabba li l-possibilita’ hija li jkun hemm aktar konkorrenza minn tfal li ma jattendux Summer Schools il-gimgha kollha izda jattendu biss bejn it-Tlieta u l-Hamis u nhar ta’ Tnejn u Hamis filghaxija waqt il-hin tal-librerija.

10.65. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2969/13/O** u **46/2982/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li s’ghada l-Hamis, il-Kunsillier Mark Causon, ghandu jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg bid-dati finali wara li jikkomunika mal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat.

10.66. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.67. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2977/13/I**
**20/05/2013** Email minghand il-Funds & Programmes Division (EU Funding) jistieden lill-Kunsill ghal European Territorial Cooperation Day vis-a-vis il-progett OSDDT.

10.68. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2977/13/I** il-Kunsillier Mark Causon ippropona li l-Kunsill jippartecipa f’din l-inizjattiva.

10.69. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.70. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.71. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon irrakkomanda li l-Kunsill jista’ jiehu l-opportunita tal-ETC Day u fejn titqassam zerriegha fid-djar tal-lokal qrib din id-data, flimkien ma’ flier kif ukoll stqarrija ghall-istampa li torbot l-OSDDT ma’ l-ETC Day.

**46/2999/13/I**
**21/05/2013** Memo 9/2013 minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar Skema ta' ghajnuna finanzjarja ghall-korsijiet tal-Lifelong Learning.

10.72. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2999/13/**I il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill jippartecipa f’din l-inizjattiva’ billi joffri korsijiet fil-Malti, Ingliz u Matematika baziku.

10.73. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3003/13/I**
**21/05/2013** Kwotazzjoni minghand Mediterranea ghad-disinjar ta' pocket locality map ghall-prezz ta' madwar €600 + VAT.

10.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3003/13/I** is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaccetta din l-istima bhala Direct Order. Il-kelliem fakkar li din l-ispiza ser tkun koperta bil-progett ta’ l-EU OSDDT.

10.76. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

10.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3008/13/I**
**22/05/2013** Email minghand is-sur Tonio Axisa mill-ETC Sezzjoni Inclusive Employment Pembroke fejn talbu laqgha mas-Sindku dwar l-integrazzjoni ta' sitt zghazagh li huma intellectual disability fil-lokal.

10.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3008/13/I** il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li l-Kunsill jiltaqa’ mas-sezzjoni biex tigi esplorata din il-possibilita’.

10.79. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

10.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/3043/13/I** **22/05/2013** Ittra minghand is-sur Raymond Sammut li ghandu gabbana fil-parkegg ta’ faccata Blk 5 Triq il-Profs Walter Ganado, jitlob il-permess tal-Kunsill biex jinstalla barriers fuq il-bankina bhala sigurta’ ghall-klijenti tieghu, minhabba li fil-post gieli kien hemm accidenti tat-traffiku.

10.81. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3043/13/I** s-Sindku Dean Hili ppropona li s-sur Sammut jigi nfurmat li l-Kunsill iddiskuta l-ittra tieghu, izda jhoss li din it-talba m’hijiex kompitu tal-Kunsill li japprova u ghalhekk ghandu jinghata l-parir li jitlob il-permess ta’ TM minhabba li tagħmel mal-By Pass.

10.82. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

10.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 11. Kumitati Kongunti ta’ l-LES, Kumitat Regjonali u n-NHDJC.

11.01. Is-Sindku Dean Hili rrefera lill-membri tal-Kunsill ghall-Minuti tal-laqghat ta’ dawn il-kumitati.

## 12. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

12.01. Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-membri tal-Kunsill ghall-proposti konnessa ma’ Jum Pembroke 2013.

**46/2815/13/I** **13/05/2013** Email minghand il-Vici Sindku Ray Lanzon fejn baghat programm draft ghal Jum Pembroke.

**46/2823/13/I** **13/05/2013** Email minghand is-Sindku Dean Hili fejn b'riferenza ghall-programm ta' Jum Pembroke baghat xi suggerimenti tieghu.

**46/3006/13/I** **22/05/2013** Email minghand Pembroke Athleta Athletics & Triathlon fejn talab laqgha mal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni tal-Pembroke Day Fun Run bhala wahda mill-attivitajiet ta' Jum Pembroke.

12.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona l-programm kif diskuss ghajr il-gostra, inkluz li jingabru l-istimi li hemm bzonn u jibda l-process ghall-printing u tqassim ta’ materjal fid-djar tal-lokal. **(Ara Dok R)**

12.03. Is-Sindku Dean Hili ssekonda.

12.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 13. Risposta ghall-Management Letter ghas-sena finanzjarja 2012.

13.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill risposta ghall-Management Letter ghas-sena finanzjarja 2012. **(Ara Dok S)**

13.02. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon ippropona l-approvazzjoni tar-risposta kifipprezentata.

13.03. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

13.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14. Rapport Annwali Amministrattiv 2012.

14.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 2012. **(Ara Dok T)**

14.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ipprezentat.

14.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

14.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Kwotazzjonijiet 05 sa 10/2013 u Tenders 05 u 06/2013.

15.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport tal-Bord ta' l-Ghazla. **(Ara Dok N)**

15.02. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/05 - Supply of paints and road marking paint** ghandha tintghazel parti mill-offerta ta' **B. Grima & Sons (Road Marking Paint) u** parti mill-offerta ta' **Brincat's Co. Ltd. (Textured Exterior Paint, Tennis Court Paint u Toluene)** abbazi li l-offerti taghhom huma l-aktar vantagguza. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.03. Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

15.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.05. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/06 - Weeding, Sweeping and Cleaning of Urban Roads** ghandha tinghata lil **Christian Galea & Family** abbazi li l-offerta taghhom hija l-aktar vantagguza fid-dawl li l-irhas zewg offerenti (Christ Gatt u Mary Mazzitelli) kellhom hafna dokumenti mitluba, li kienu neqsin. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.06. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

15.07. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.08. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta' l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/07 - Weeding, Sweeping and Cleaning of Non Urban Roads** ghandha tinghata lil **WM Environmental Ltd.** abbazi li l-ewwel 4 offerenti, il-prezzijiet offruti taghhom ghandhom rati anqas mill-Paga Minima Nazzjonali, inkluz ukoll li Mary Mazzitelli, Owen Borg u Joseph Farrugia ghandhom hafna mid-dokumenti mitluba, li huma neqsin. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.09. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

15.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.11. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta’ l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/08 - Cleaning, clearing and grass cutting of Soft Areas** ghandha tinghata lil **Carmel Mifsud** abbazi li l-ewwel 2 offerenti, il-prezzijiet offruti taghhom ghandhom rati anqas mill-Paga Minima Nazzjonali, inkluz ukoll li Mary Mazzitelli u Owen Borg ghandhom hafna mid-dokumenti mitluba, li huma neqsin. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.12. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

15.13. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.14. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta’ l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/09 - OSDDT - Printing of informative booklet** ghandha tinghata lil **Union Print** abbazi li l-offerta hija l-aktar vantagguza. Qed jigi rakkomandat ukoll li l-printing isir fuq matt paper u l-kwantita’ tkun abbazi ta’ kemm ser jitlob pagni l-Lead Partner ta’ l-ODSST. Il-membri rrimarkaw ukoll li dawn l-ispejjez ser jigu rkuprati permezz tal-progett ta’ l-EU. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.15. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

15.16. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.17. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li l-Bord ta’ l-Ghazla kien unanimament qed jirrakkomanda li **Quote 2013/10 - OSDDT - Printing of pocket locality map** ghandha tinghata lil **Gutenberg qies A2 u l-kwantita’ ghandha tkun ta’ kemm jippermetti l-Budget tal-progett.** L-offerta ntghazlet abbazi li l-offerta hija l-aktar vantagguża. Il-membri rrimarkaw ukoll li dawn l-ispejjez ser jiġu rkuprati permezz tal-progett ta’ l-EU. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill japprova din ir-rakkomandazzjoni.

15.18. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

15.19. Il-Kunsill qabel unanimament.

15.20. B’riferenza ghal **Tender 05/2013 – Tender for Upgrading Gnien Madre Teresa ta' Kalkutta using environmentally friendly materials,** is-Sindku Dean Hili fakkar li din ghandha tigi diskussa f’laqgha ohra wara li l-Kunsill ikun iltaqa’ mal-Perit.

15.21. B’riferenza ghal **Tender 06/2013 – Tender for Upgrading Gnien 4 ta' Lulju using environmentally friendly materials,** is-Sindku Dean Hili fakkar li din ghandha tigi diskussa f’laqgha ohra wara li l-Kunsill ikun iltaqa’ mal-Perit.

## 16. Devoluzzjoni ta' sit fi Triq C. Sciberras c/w Triq Mons. L. Mifsud Tommasi.

**46/2722/13/I**
**08/05/2013**

Email minghand id-Dipartiment Propjeta’ tal-Gvern fejn b'riferenza ghall-ittra tal-Kunsill datata 19 ta' Dicembru 2012 dwar evakwazzjoni ta' kmamar informaw lill-Kunsill li minn spezzjoni li saret irrizulta li l-kmamar biswit il-bini tal-muzew ghadhom fil-pusess tal-gvern u bil-katnazzi tad-Dipartiment.

16.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja ta’ rapport li kien sar mill-Perit tal-Kunsill, liema rapport intuza mill-Kunsill precedenti biex saret it-talba ghad-devoluzzjoni tas-sit. **(Ara Dok U)**

16.02. Is-Sindku Dean Hili ppropona li ghandha ssir pressjoni mad-Dipartiment koncernat sabiex il-Kunsill jinghata dan is-sit specjalment il-kmamar li hemm sabiex jintuzaw bhala centru kemm ghall-anzjani kif ukoll ghaz-zghazagh.

16.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

16.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17. Approvazzjoni tal-kontijiet.

17.01. Is-Sindku Dean Hili pprezenta l-iskeda tad-dhul u hrug. **(Dok. V, W u X)**

17.02. Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet kollha kif prezentata, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ipprezentata, ghajr kont numru ta’ PBK05/13 ta’ Raphael Carabott.

17.03. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

17.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.05. Sabiex jitnaqqas il-konsum tad-dawl, il-Kunsillier Charles Cesare rrakkomanda li d-dawl ta’ barra tal-Kunsill ghandu jinbidel u jsir tat-tip energy saver jew LED.

## 18. Materji ohra.

18.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kellha tressaq xi talbiet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill.

18.02. Il-membri tal-Kunsill kollha prezenti qablu unanimament li kull talba ghandha titressaq mill-persuna koncernata personalment meta tkun prezenti ghal-laqgha u dan sabiex ikun hemm opportunita’ li tali talba tkun spjegata u diskussa.

18.03. Is-Sindku Dean Hili talab l’issir pressjoni ma min huwa koncernat biex jitwahhlu s-slielem tal-bajja.

18.04. Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li xi hadd, fil-lejl ta’ bejn it-Tlieta 21 u l-Erbgha 22 ta’ Mejju ghamel hsara strutturali fic-cint li hemm fir-rilwa bejn Triq Cassino u Triq Camillo Sciberras. Il-kelliem talab li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Pulizija sabiex jinstab min ghamel il-hsara. Il-kelliem ippropona li jekk il-Kunsill ma jirnexxilux jikseb ghajnuna biex jigi rrangat il-hajt, ghandu jitqabbad il-kuntrattur tal-Kunsill J&K Contractors Ltd. biex jigi rrangat il-hajt.

18.05. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

18.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.07. Il-Kunsillier Mark Causon irrimarka li resident fi Triq San Gorg Preca ghamel ilment mal-Pulizija u jidher li ma ttiehdet ebda azzjoni. Il-Kunsill kiteb u talab lis-Supretendent ta’ l-Ghassa San Giljan biex jintervjeni u jinvestiga l-kaz.

18.08. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien ircieva talba biex jigu nstallata bollards fil-passagg li hemm bejn Triq il-President Anton Buttigieg u Triq Bice Mizzi Vassallo minhabba li hemm dizlivell u waqghet xi karozza.

18.09. Il-Kunsillier Charles Cesare ppropona li l-Kunsill jitlob l-ghajnuna tal-Ministeru koncernat.

18.10. Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

18.11. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.12. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borgipprezenta kopja ta' flyer li ser jitqassam lir-residenti kollha dwar korsijiet li ser isiru bl-ghajnuna tal-Kura Primarja tas-Sahha. **(Ara Dok Y)**

18.13. Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-flyer jinhareg kif sottomess.

18.14. Il-Vici Sindku Raymond Lanzon issekonda.

18.15. Il-Kunsill qabel unanimament.

18.16. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill lista t'ilmenti li kienu ghadhom pendenti. **(Ara Dok Z)**

18.17. Is-Sindku Dean Hili ghalaq il-laqgha fl-10.45pm wara li ntlahaq ftehim li l-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar l-Erbgha 12 ta' Gunju 2013 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Dean Hili<br>***Sindku*** | Kevin Borg<br>***Segretarju Ezekuttiv*** |